VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,947, 13 ta' Frar, 2018
Taqsima B

A.L. 50 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Earth Systems - M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Earth Systems – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni akkademika tal-Kors, maħtur mis-Senat;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Earth Systems – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Earth Systems – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Earth Systems – P.G. Dip.; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jkun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord, wara approvazzjoni mis-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandu jkollhom:

(i) grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar fix-Xjenza bis-Sistemi Ambjentali meħud bħala qasam ta' studju prinċipali; jew

(ii) grad tal-ewwel ċiklu fix-Xjenza miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar f'qasam meqjus rilevanti mill-Bord.

(2) L-applikanti bi grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri fix-Xjenza, bis-Sistemi Ambjentali meħud bħala qasam ta' studju prinċipali, jistgħu jidħlu fil-Kors jekk juru evidenza ta' esperjenza sinifikanti ta' xogħol rilevanti mal-qasam ta' studju tal-Kors, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' intervista.

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6. Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom għandu jkun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-prestazzjoni waqt l-intervista.

7. L-intervisti, meta meħtieġa, għandhom ikunu mmexxija minn bord ta' intervisti maħtur mill-Bord, u għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

8. L-applikazzjonijiet għall-Kors għandhom ikunu sottomessi sad-data mħabbra mill-Università ta' Malta. Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kollha sal-31 ta' Awwissu qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

9. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju *full-time,* li jinkludu l-perijodu tas-sajf, jew l-ekwivalenti fi studju *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

10. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

11. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

12. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

13. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika, jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*, għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid tat-taqsimiet studju li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

14. L-istudenti jitħallew jipproċedu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jekk jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 60%.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Id-Dissertazzjoni

15. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet semestru tal-Kors. Kull student għandu jkun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sad-dati ta' skadenzi indikati mill-Bord.

16. (1) L-istudenti huma meħtieġa li jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, mhux anqas minn darba fix-xahar.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perijodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

17. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

18. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.